MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 696/2006

**Angela Ciantar**

**Vs**

**Philip Delceppo**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attrici, wara li qalet:

Illi l-attrici tippossjedi bi qbiela tmintax-il tomna raba' maghruf bhala "tat-Tafal", Qasam il-Kbira, fil-limiti tar-Rabat, li jinkludu razzett maghruf bhala "Tlugh ix-Xemx", it-Tafal ta' l-Imdina, fil-limiti tar-Rabat, Malta.

Illi tlett snin ilu l-konvenut kien kera minghand l-esponenti u zewgha tlett kmamar mir-razzet imsemmi biex juzhom ghall-kacca. Din il-lokazzjoni giet terminata mill-esponenti li tablet lill-konvenut biex jirritornalha l-imsemmija kmamar.

Illi minflok, abuzivament u kontra r-rieda tal-attrici, l-istess konvenut qabad u okkupa wkoll ir-raba' tal-attrici fuq imsemmi.

Illi permezz ta' zewg ittri legali datati 23 ta' Jannar, 2006 u 17 ta' Frar, 2006 rispettivament, l-attrici interpellat lill-konvenut sabiex jizgombra u johrog kemm mill-kmamar imsemmija maghrufa bhala "Tlugh ix-Xemx", it-Tafal ta' l-Imdina, limiti tar-Rabat, kif ukoll mir-raba' imsemmi, u li jirrilaxxjhom favur l-istess attrici.

Illi madankollu, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghadu qed jokkupa sallum kemm il-fond "Tlugh ix-Xemx" kif ukoll ir-raba tal-attrici f' "it-Tafal ta' l-Imdina", fil-limiti tar-Rabat, Malta, abbuzivament u mighajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 u 170 tal-Kap.12 sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi sa fejn taf l-attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba taghha ghall-izgumbrament tieghu kemm mill-fond "Tlugh ix-Xemx" kif ukoll mill-porzjonijiet raba' fuq imsemmija, okkupati minnu kif fuq spjegat.

Talbet illi din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Konsegwentement, tordna lill-istess konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti jizgombra mill-fond "Tlugh ix-Xemx", it-Tafal tal-Imdina, fil-limiti tar-Rabat, u mir-raba' ta' madwaru maghruf bhala "tat-Tafal", fil-kuntrada ta' Qasam il-Kbir, ir-Rabat, Malta, li huwa qieghed jokkupa abbuzivament u minghajr ebda

titolu validu fil-ligi u li jirrilaxxjahom liberi u vojta favur l-attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri legali tas-26 ta’ Jannar, 2006, u tas-17 ta’ Frar, 2006 kontra l-konvenut.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda l-konvenut ma weriex li ghandu raguni tajba ghaliex jikkontesta l-kawza, jew ghala s-sentenza m’ghandhiex tinghata llum.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez, u b’terminu ta’ xahar ghall-izgumbrament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------